Right Deal Ltd. Domestic Appliances, Household Goods, TVs & So-Safe Water Filtration Systems
e-mail: rightdeal@maltanet.net
Pjazza Gavino Gulia, Bormla Tel: 21800638; Fax: 21664286
Birkirkara By-Pass, Iklin-Lija Tel: 21418812; Fax: 21418813

L-orizzont
Aħbarijiet
Opinjoni
Editorjal
Features
Artikli/Kontribuzzjoni
Ittri lill-Editur
Rati tal-Avviżi
Arkivji
Ikkuntattjana
FITTEX
GO

Sports
Grand Prix ta' Spanja: Webber jiddomina.....
Daniel Bogdanovic se jitlaq lil Barnsley.....
L-Argument iddedikat lic-ċampjins Birkirkara.....
Tigrijiet taz-zwiemel: Flash Coger bit-tielet rebħa konsekuttiva.....




UNION PRINT CO. LTD
GWU

Aħbarijiet

Ipprintja | Ibgħat l-Artiklu b'Email | Ikkummenta

## Bżonn azzjoni konkreta fit-turiżmu

Meta kien qed jindirizza Business Breakfast dwar it-Turiżmu organizzat mill-Partit Laburista, il-Mexxej Laburista Joseph Muscat qal li l-industrija turistika f'pajjiżna teħtieġ azzjoni immedjata, fejn il-Gvern għandu jkun il-'policy maker', u s-settur privat, li investa flusu f'dan il-qasam, għandu jieħu l-'lead' u jimbotta l-affarijiet 'l quddiem.

"Li kieku għandna r-responsabilità llum, kieku aħna qegħdin 'on the ground', immexxu u nimbuttaw l-affarijiet 'l quddiem. Nemmnu li f'dan il-qasam, il-privat għandu jmexxi u aħna nsegwu u mhux bil-magħluq," saħaq il-Mexxej Laburista. "Intom investejtu fluskom u intom tafu x'hemm bżonn li jsir," saħaq, waqt li tenna l-ħtieġa u l-urġenza li l-iżvilupp fil-qasam tat-turiżmu jimxi f'sinerġija ma' l-iżvilupp sostenibli f'pajjiżna.

B'referenza għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma, il-Mexxej Laburista akkuża lill-Prim Ministru li se jkun qiegħed jimmina l-kompettività ta' pajjiżna u jipperikola l-impjiegi fl-industrija turistika. Il-Mexxej Laburista ddeskriva d-deċiżjoni tal-Prim Ministru dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma bħala żball enormi u li diffiċli biex jiġi kkoreġut. Fakkar li x-xokk fuq il-poplu kien u għadu hemm, għax għan-nies li rċevew il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, dawn baqgħu ma ġewx imnaqqsin. Saħaq li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma għall-qasam domestiku, hekk kif imħabbra issa, huma ekwivalenti għal sopra-taxxa ta' 100 fil-mija.

Il-Mexxej Laburista qal li biex jiġu salvati l-impjiegi, pajjiżna għandu bżonn ta' garanzija biex it-tariffi mħabbrin issa ma jgħolewx sal-aħħar tas-sena, liema garanzija l-Prim Ministru qiegħed jirrifjuta milli jagħti. Hu għalhekk, qal Dr Muscat, li pajjiżna jeħtieġ tmexxija makro-ekonomika aħjar, li ma tistenniex il-baġit illi jmiss. Saħaq li Ottubru jista' jkun tard wisq u għalhekk sostna li pajjiżna għandu bżonn interventi immedjati fosthom li s-sena d-dieħla l-Gvern ma jibqax għaddej bil-pjani tiegħu li jintroduċi fuq is-settur taxxa ta' 50ċ fuq kull turist li jiġi pajjiżna.

Il-Mexxej Laburista fakkar li l-qasam tat-turiżmu jaqa' taħt ir-responsabilità tal-Prim Ministru. "Nittama li t-turiżmu ma jiġrilux bħall-finanzi tal-pajjiż, li suppost kienu fis-sod u issa pajjiżna qed jesperjenza l-akbar rekord ta' deficit f'kull żmien," sostna l-Mexxej Laburista. "L-ironija hi li, fl-ewwel 3 xhur ta' din is-sena, id-deficit diġà tela' għal daqs kemm kellu jkun f'sena sħiħa. Kien jagħmel sens li kieku dawk il-flus marru għall-investiment f'pajjiżna. Madankollu, fil-każ ta' pajjiżna dan ma ġarax, għax fl-istess ħin li sploda d-deficit, fl-ewwel kwart tas-sena żdiedu t-taxxi, żdied il-piż amministrattiv u naqas l-investiment," sostna l-Mexxej Laburista. Il-PL jemmen li flus il-Gvern m'għandhomx imorru f'bir tas-skieken iżda biex joħolqu aktar ġid, tenna Joseph Muscat.

Huwa esprima l-fiduċja li l-industrija toħroġ mill-kriżi li tinsab fiha bħalissa u għalhekk appella għal aktar sinerġija bejn il-ħaddiema u dawk li jmexxu u jinvestu flushom f'dan il-qasam. Sostna li għall-PL hija prijorità li jiġu mmarkati proġetti infrastrutturali speċifiċi ħalli jiġu implimentati madwar Malta u Għawdex. Il-Mexxej Laburista qal li filwaqt li l-PL qal li għandu l-ħeġġa, ir-rieda u l-motivazzjoni biex f'dan il-qasam jaħdem b'mentalità rebbieħa, ħaddieħor, li ilu aktar minn 20 sena fit-tmexxija tilef l-interess u l-ħeġġa li jimbotta dan il-qasam daqstant importanti 'l quddiem.

L-attività, li kienet organizzata fil-Lukanda Westin Dragonara, kienet indirizzata ukoll mill-Kelliema Ewlenija għat-Turiżmu, Marie Louise Coleiro Preca u l-Kap Eżekuttiv tat-Travel Group Malta, Tony Coleiro.

Coleiro Preca tkellmet dwar il-problemi li qed tiffaċċja din l-industrija, il-prodott ta' pajjiżna, nuqqas ta' kompettività u n-nuqqas ta' riklamar. Fakkret kif postijiet strateġiċi għall-industrija turistika f'pajjiżna, bħall-inħawi ta' Buġibba, il-moll taċ-Ċirkewwa, l-Armier u l-White Rocks baqgħu mitluqin u abbandunati.

Hi fakkret kif il-Gvern ilu snin sħaħ iwiegħed diversi proġetti fil-qasam tat-turiżmu, li baqgħu qatt ma waslu. Tkellmet dwar l-MTA, u kif minkejja li l-Gvern żidilha l-fondi, ir-riżultati xorta baqgħu ma waslux. Fakkret li għal darb'oħra l-Gvern reġa' falla milli jagħmel pjan strateġiku għall-ħtiġijiet ta' din l-industrija.

Min-naħa tiegħu, Tony Coleiro tkellem dwar kif il-prezzijiet f'pajjiżna, meta kkumparati ma' pajjiżi oħrajn huma għoljin ħafna, u appella lill-awtoritajiet li, b'sens ta' kuraġġ u koordinament sħiħ, pajjiżna għandu bżonn rieda politika qawwija biex dan is-settur jikseb ir-riżultati. Qal ukoll li l-industrija ma tiflaħx għal aktar piżijiet bħal mhi t-taxxa ta' 50ċ.

Preżenti għall-attività kien hemm nies mill-industrija u korpi-kostitwiti, deputati Laburisti u l-kandidati tal-Partit Laburista għall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Ikkummenta dwar dan l-Artiklu | Fuq

Artikli oħrajn fis-sezzjoni Aħbarijiet
- Twieled fid-dlam... se jmut bil-musbieh: 88 sena bla dawl tal-bozza
- Tfal meħudin minn djarhom
- Joseph Muscat dwar l-estensjoni tal-power station: Is-saħħa tal-poplu qabel kollox – Joseph Muscat
- Is-saħħa tal-bniedem qabel is-siġġu Parlamentari – Dr Anġlu Farrugia
- Jum l-Omm: Fjuri, rigali...niket u ferħ
- Proposti biex ikunu emendati l-proċeduri tal-Qorti tal-Familja: Trawma għall-ulied waqt kull separazzjoni
- Biex se ngħabbu!
- Żewġ ġurijiet separati dwar attenat ta' qtil
- Suċċess għal ġurnalist ta' *l-orizzont*
- €60,000 mit-taxxi tagħna għal 'musical' ta' siegħa u nofs
- Riħ ISFEL!
- Rijabilitazzjoni mil-lum fl-Isptar Karin Grech
- Jinżamm wara sejba ta' ħames kili kannabis
- Il-Gvern jirrikorri għal tattiċi anti-demokratiċi
- Gonzi jgħid li dak li għamlu kienu "affarijiet tat-tfal"

IT-TEMP - 10/5/2010

Rapport tat-Temp:
Ftit imsaħħab li jsir sabiħ mal-jum

Temperatura:
L-ogħla: 23°C
L-inqas: 17°C

Riħ: SE 15-25 kph

Għall-aġġornament tat-temp agħfas hawn.










WÜRTH THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
PARTNER OF THE AUTOMOTIVE, WOOD, METAL AND INDUSTRY TRADE

Chemimart GROUP OF COMPANIES A Good Sense of Well-being!